# Tota Pulchra



Domma ta' l-Immakulata

1854 2004

OFMConv ~ Ghawdex

# Il-Madonna tal-Ġilju
## Devozzjoni partikulari lejn l-Immakulata fl-Imqabba

Jonathan Farrugia

**Daħla**

Il-bidu tal-kult lejn it-tnissil bla tebgħa ta' Marija fost l-insara huwa moħbi fiċ-ċpar taż-żmien. Li nafu huwa li sa mis-seklu sebgħa diġà kienet issir il-festa ta' dan il-privileġġ uniku li l-Mulej għoġbu jagħti lil Marija. Dan it-twemmin li Marija kienet meħlusa minn kull tebgħa tad-dnub sa mill-ewwel mumenti ta' l-eżistenza tagħha, infirex malajr fid-dinja nisranija kollha, sakemm fl-aħħar, fl-1854, il-papa Piju IX, għall-ferħ kbir ta' l-insara devoti tal-Madonna, ħabbar solennament li t-twemmin fit-tnissil immakulat ta' Marija huwa domma tal-fidi Nisranija, għalhekk kulmin hu nisrani huwa obbligat jemmen li Marija verament kienet imnissla meħlusa mid-dnub tan-nisel.



*Il-faċċata tal-knisja armata għall-festa tal-Madonna tal-Ġilju.*

Fil-gżejjer Maltin dan it-twemmin issarraf f'diversi devozzjonijiet lejn il-Madonna, bħal ngħidu aħna "tas-Sokkors", "tal-Purità" u "tal-Ġilju", li essenzjalment kollha jirriferu għall-Immakulata, imma taħt isem ieħor.

**Il-Madonna "tal-Ġilju" f'Għawdex u f'Malta**

L-eqdem knejjes magħrufin bl-isem ta' *Santa Maria del Giglio* insibu li kienu f'Għawdex.

L-ewwel waħda taf il-bidu tagħha fit-testment ta' Federico de Pontremoli u martu Francia, li sar fis-26 ta' Jannar 1478. F'dan it-testment, de Pontremoli ħalla ġuspatrunat għalqa tad-dwieli magħrufa bħala *Ta' bin Xibla* fix-Xagħra, u beni oħra bil-patt li tinbena fl-istess post knisja ta' santa Marija tal-ġilju. Żewġ legati oħra favur din il-knisja tħallew minn Sarita, bint il-mejjet Ilario, fil-25 ta' Marzu 1491, u minn Angelo Amarino, fit-28 ta' Jannar 1504. Minn dawn il-legati nafu li fl-1491 din il-knisja kienet diġà nbniet u li kienet bdiet tiġi magħrufa bħala *Tal-ġilju ta' Għajn Ħosna*. Mir-renti tal-beni, din il-knisja kellha tagħmel festa nhar il-15 ta' Awwissu, u f'dak il-jum kellhom jitqassmu tmint itmien ħobż tal-qamħ u barmil u tliet kwarti nbid. Sa l-1644 dan kien għadu jsir, għax jissemma fil-viżta pastorali li saret f'dik is-sena. Din il-knisja ġiet ipprofanata fl-1657 minħabba li biż-żmien kienet ġarrbet ħafna ħsarat u minħabba li kienet ilha diversi snin bla rettur. Fil-15 ta' Marzu 1675, bl-approvazzjoni tal-papa Klement X, mir-renti ta' din il-knisja u tal-ħamsa u għoxrin knisja oħra pprofanata f'Għawdex, twaqqaf l-għaxar kanonikat tal-kolleġġjata ta' santa Marija tal-Gran Kastell, li wara saret il-Katidral tad-djoċesi ta' Għawdex minħabba li hija l-parroċċa matriċi tal-gżira.[1]

Knisja antika oħra magħrufa bħala ta' *santa Marija tal-Ġilju* kienet tinsab fil-Belliegħa, f'tarf ir-Rabat ta' Għawdex, fit-triq li tagħti għax-Xagħra. Sa l-1575 din il-knisja kienet għadha teżisti. Din id-darba l-festa prinċipali tagħha kienet issir f'gieħ il-viżitazzjoni tal-Madonna lil santa Elizabetta, nhar it-2 ta' Lulju. Fil-viżta pastorali ta' l-1575, il-mons. Pietru Dusina jgħid li kellha erba' moddijiet raba', imma li l-knisja nfisha kienet bla bieb u bla tiżjin. Wara din il-viżta pastorali ma tissemmiex iżjed.[2]

Fir-Rabat ta' Għawdex insibu li fil-knisja konventwali ta' san Franġisk kienet issir il-festa tal-Madonna tal-Ġilju magħrufa bħala tal-*Madonna tal-Purità* (għalhekk il-ġilju), fl-ewwel Ħadd ta' Mejju. Din kienet tieħu ħsiebha l-fratellanza tal-Kunċizzjoni eretta f'din il-knisja fl-1663. Fl-1652 ingħata l-permess li f'din il-festa u f'dik ta' l-Immakulata tibda ssir purċissjoni, u fl-1760 l-isqof Rull ta permess biex fil-festa ta' Mejju tintuża l-vara ta' l-Immakulata. Il-banda *La Stella* għamlet żmien tieħu sehem f'din il-festa wkoll. Din il-festa baqgħet issir sa l-1935, sakemm il-

storja

konċilju reġjunali pprojbixxa diversi festi sekondarji.[3]

F'Malta qatt ma kien hawn knejjes iddedikati lill-Madonna tal-Ġilju, imma l-hekk imsejħa festa tal-*Madonna tal-Ġilju*[4] fl-imgħoddi kienet kemxejn popolari f'diversi lokalitajiet f'Malta, speċjalment fil-Kottonera, fix-xahar ta' Mejju.

Jidher illi l-eqdem parroċċa li kienet tiċċelebra din il-festa b'ċerta pompa kienet l-Isla. Mid-dettalji tal-viżta pastorali ta' l-1700 nafu li l-fratellanza tal-Kunċizzjoni mwaqqfa f'din il-parroċċa kienet bdiet tiċċelebra din il-festa fir-raba' Ħadd ta' Mejju, bejn l-1695 u l-1699. Il-festa kienet tilħaq il-qofol tagħha f'purċissjoni li kienet issir bl-istatwa tal-Bambina. Nistgħu ngħidu li d-devozzjoni lejn il-Madonna taħt dan it-titlu kibret ħafna fost xi parruċċani mill-Isla, għax fit-testment li Marija Cassar għamlet nhar it-18 ta' Ġunju 1759, ħalliet, fost affarijiet oħra, libsa prezzjuża tad-drapp tal-lama tad-deheb lill-fratellanza tal-Kunċizzjoni, bl-obbligu li titlibbes lill-istatwa tal-Bambina f'diversi festi, fosthom f'dik tal-Madonna tal-Ġilju. Apparti minn hekk, minn meta l-isqof Pellerano ddedika l-altar ta' l-Immakulata Kunċizzjoni fil-knisja parrokkjali ta' l-Isla, fil-festa ta' Mejju n-nies kienu jiġbru ħafna ward tal-ġilju, li wara li kien jitbierek, kien jitqassam fost il-kleru, il-fratelli u n-nies. Ċerta Ġeronima Portelli bdiet toffri l-ġilju kollu li kien jiftaħ fix-xahar ta' Mejju fi ġnien li kellha Bormla, għall-festa tal-Madonna tal-Ġilju ta' l-Isla.[5]

F'Bormla wkoll kienet issir din il-festa f'wieħed mill-Ħdud ta' Mejju. Din il-festa kienet kbira u solenni, bil-mużika miktuba apposta għaliha, b'tiżjin u fided tagħha u b'manifestazzjon i esterna wkoll. Fl-arkivju tal-Katidral ta' Malta jinsab mutett għal tliet vuċijiet u vjolinċell miktub apposta biex jindaqq waqt il-purċissjoni tal-Madonna tal-Ġilju li saret f'Bormla nhar l-14 ta' Mejju 1763.[6] Kienet tiġi organizzata mill-fratellanza tal-Kunċizzjoni, li kienet tieħu ħsieb ukoll il-festa titulari ta' l-Immakulata. Fiż-żewġ okkażjonijiet kienet toħroġ il-vara titulari f'purċissjoni. Lejn l-aħħar tas-seklu dsatax il-mużika sagra f'din il-festa kienet tkun fdata f'idejn is-surmast Paolino Vassallo. Il-banda *San Ġorġ* ta' Bormla kienet tagħmel programm mużikali fil-pjazza tas-suq waqt il-purċissjoni. Fl-1894 il-benefattur Pietro Caruana rregala lill-fratellanza sitt gandlieri u salib tal-metall arġentat, li nħadmu f'Ruma, fil-fabbrika *Tanfani*, fuq disinn ta' Abram Gatt.[7] Fuqhom hemm imnaqqxa ġiljuwa, bħala simbolu tal-purità ta' Marija. Dawn il-gandlieri għadhom jintramaw fuq il-prima ta' l-altar titulari fil-festi prinċipali tal-Madonna matul is-sena. Din il-festa baqgħet issir sa l-1905.[8]


*Il-ventartal tal-Kunċizzjoni.*

Ma setax jonqos li fil-parroċċa matriċi tal-Kottonera, dik tal-Birgu, ma ssirx ukoll din il-festa popolari. Mhux magħruf sewwasew meta din il-festa bdiet issir u min kien bdieha, iżda ladarba fiż-żewġ parroċċi l-oħra kienu jieħdu ħsiebha l-fratellanzi tal-Kunċizzjoni, probabbli ħafna li anki fil-Birgu din it-tifkira bdiet bil-ħidma tal-fratellanza tal-Kunċizzjoni mwaqqfa f'din il-parroċċa qabel l-1646. Minn tagħrif miktub minn Giusè Busuttil f'ġurnal ta' l-1902, jidher li din il-festa kienet issir fl-ewwel Ħadd ta' Ġunju. Il-paniġierku ta' dik is-sena għamlu r-rev. Vinċenz Vella u dam aktar minn siegħa jitkellem fuq il-ġilju bħala simbolu tal-virtù u l-qdusija ta' Marija.[9]

Lokalità oħra li żmien ilu kienet tiċċelebra din il-festa kienet l-Imdina. F'din il-belt kien hemm fratellanza bl-isem *B.V.M. del Giglio*, eretta fil-knisja konventwali tal-patrijiet Karmelitani, u kienet din li kienet tieħu ħsieb il-festa. Fl-arkivju tal-kunvent ta' l-Imdina nsibu kitba li titratta dwar il-ftehim li kien sar minn din il-fratellanza u dik ta' san Anton, abbati, eretta fil-knisja Agostinjana ta' san Mark, fir-Rabat, biex iż-żewġ fratellanzi jibdew jieħdu sehem fil-purċissjonijiet tal-Madonna tal-Ġilju (li kienet issir fl-Imdina) u ta' san Nikola ta' Tolentino (li kienet issir fir-Rabat).[10]

Mil-*Libro delle proposte dell'anno 1717-1854* nafu li fid-9 ta' Settembru 1760 intlaqgħet il-proposta tal-prijur tar-Rabat, Lorenzo de Bonix, biex isir.[11] Minn djarju ta' patri Karmelitan nafu li din il-festa nqatgħet minħabba l-pesta.

Minn dawn it-tradizzjonijiet illum ma baqa' xejn għajr tifkira mċajpra li ftit jafu biha. L-unika lokalità fejn it-titlu u l-festa tal-Madonna tal-Ġilju baqgħu ħajjin hija l-Imqabba, raħal ċkejken u antik fin-nofsinhar ta' Malta, magħruf għall-barrieri ta' ġebla Maltija li hemm fil-limiti tiegħu, u għan-nar mill-aqwa li ta' kull sena jdawwal is-smewwiet fiż-żewġ festi kbar li jiġu ċċelebrati fih.

**Il-Kunċizzjoni u l-Madonna tal-Ġilju fl-Imqabba**

Tajjeb li nibdew billi ngħidu li fl-Imqabba, l-altar u l-fratellanza marbutin ma' din il-festa kienu minn dejjem u għadhom jissejħu *tal-Kunċizzjoni*, filwaqt illi l-partitarji u l-festa sa mill-bidu tagħhom (mill-1911) bdew jissejħu *tal-Ġilju*. Għalkemm dawn iż-żewġ ismijiet jippuntaw lejn l-istess entità, *il-Kunċizzjoni* hija l-Madonna kif inhi rrappreżentata fuq wieħed mill-altari laterali tal-knisja, imma l-partitarji tagħha daħħluha f'qalbhom bħala l-*Madonna tal-Ġilju*.

L-Imqabba saret parroċċa fil-15 ta' Settembu 1598, taħt il-patroċinju ta' Marija Assunta. Bla dubju dan it-titlu ntgħażel minħabba li l-Imqabbin kienu devoti kbar ta' l-Assunta, peress li l-matriċi ta' Bir Miftuħ hija wkoll iddedikata lill-Assunzjoni tal-Madonna. M'hux magħruf bl-eżatt minfejn bdiet id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Ġilju fil-parroċċa ta' l-Imqabba. Dettall interessanti huwa li meta fis-snin ta' wara l-gwerra kienet qed tissewwa l-knisja l-antika ta' Bir Miftuħ u nkixfu xi affreski,[12] wieħed minnhom kien jirrappreżenta lill-Madonna b'ġiljuwa kbira quddiemha. Huwa maħsub, għalhekk, illi l-bidu tas-sekonda festa ta' l-Imqabba jaf il-bidu tiegħu minn din il-knisja matriċi antika wkoll.

**L-altar ta' l-Immakulata Kunċizzjoni**

L-altar tal-Kunċizzjoni jaf il-bidu tiegħu fil-knisja parrokkjali ta' l-Imqabba lil Mattew Magro. Dan nafuh mill-minuti tal-viżta pastorali li l-isqof Cagliares għamel fl-1615.

Maż-żmien din id-devozzjoni lejn l-Immakulata tant kienet kbira li meta nbniet it-tieni knisja,[13] wieħed mill-altari tagħha ġie ddedikat lill-

storja



*Il-pittura l-oriġinali ta' l-Immakulata.*



*Il-Kunċizzjoni ta' Cleto Luzzi.*

Kunċizzjoni. Dan l-altar ġie deskritt bħala *"sub titulo beatae Mariae succursus"* mill-isqof Balaguer, fil-viżta pastorali ta' l-1636.[14] L-isqof Cocco Palmieri, fil-viżti pastorali ta' l-1685-1687, meta kienet qed tinbena l-knisja tal-lum, jgħid li fuq dan l-altar saret pittura ġdida li fiha ġiet ukoll imdaħħla x-xbiha ta' sant'Anna. Din il-pittura antika hija ta' preġju kbir ħafna minħabba li stilistikament tixbah ħafna lill-iskola tal-pittur famuż Mattia Preti, li kien attiv ħafna f'Malta sat-tmien tas-seklu sbatax. Nhar id-9 ta' April 1942, meta l-knisja parrokkjali ta' l-Imqabba ntlaqtet minn bomba u ġġarfet bl-ikrah, l-altar tal-Kunċizzjoni kien l-aktar wieħed li sofra ħsarat wara l-altar maġġur. B'xorti tajba l-pittura ma ntilfitx, minkejja li sarulha xi ħsarat. Madankollu, meta l-ħsara fil-knisja ssewwiet, ir-rev. Ġużepp Xuereb, li kien il-prokuratur tal-fratellanza tal-Kunċizzjoni u partitarju kbir tal-festa tal-Madonna tal-Ġilju, ried li ssir pittura ġdida u hekk sar. Tpittret fl-1949 minn Cleto Luzzi, pittur Sqalli li m'hawnx aktar xogħol tiegħu f'Malta, u tħallset minn Salvu Facciol. Minn Sqallija nġiebet Malta minn George Ciantar. Meta ġiet biex titpoġġa fil-knisja, inqalgħu xi problemi ma' l-isqof Gonzi minħabba li dun Ġużepp anqas biss kien għamel rikors għaliha l-kurja![15] Imma kollox ġie rranġat bil-ħidma tal-kappillan Imqabbi r-rev. Gerald Mangion. Din il-pittura, minkejja li sabiħa, ma taqbel xejn mal-bqija tal-pitturi fil-knisja u ma tgawdi xejn mill-preġju artistiku li tgawdi l-antika. Il-pittura l-oriġinali għadha merfugħa fil-knisja parrokkjali, iżda għadha ġġorr fuqha l-ħsarat li ġarrbet aktar minn sittin sena ilu!

Ma' dan l-altar kienet ukoll marbuta d-devozzjoni lejn l-erwieħ tal-purgatorju, probabbli minħabba li fil-pittura l-oriġinali kienu jidhru wkoll l-erwieħ. Bħala prokuratur, Maurizio Zahra kien jieħu ħsieb jiġbor l-elemożina għall-quddies li mbagħad kien isir b'suffraġju ta' l-erwieħ tal-purgatorju.



*Il-pjanta ta' Emmanuel Buhagiar għall-bankun tal-Madonna tal-Ġilju.*



*Il-bradella tal-Madonna tal-Ġilju.*

Skond l-isqof Alpheran de Bussan, fuq dan l-altar kienet meqjuma niċċa ta' l-injam indurata u magħmula bil-ħġieġ, li fiha kien hemm xbiha ta' Ġesù Bambin. Kienet xbiha meqjuma u għalhekk mad-dawra tagħha kien hemm bosta għotjiet mogħtija mid-devoti.[16]

### Il-fratellanza tal-Kunċizzjoni

Bħalma għidna, l-altar tal-Kunċizzjoni kien igawdi venerazzjoni kbira, għalhekk kienet konsegwenza naturali li wara numru ta' snin kibret ix-xewqa li titwaqqaf fratellanza marbuta ma' dan l-altar. It-talba biex titwaqqaf il-fratellanza tal-Kunċizzjoni fil-parroċċa ta' Marija Assunta fl-Imqabba saret mir-rev. Salv Zammit, ir-rev. Mikelanġ Magri, ir-rev. Lawrenz Barbara, ir-rev. Ġampatist Tortella, ir-rev. Lawrenz Zammit u bosta nies oħra tar-raħal,[17] fi żmien il-kappillan, ir-rev. Giacomo Tortella,[18] li peress li kien Bormliż, aċċetta t-talba u ma damx ma ressaq ir-rikors lill-awtoritajiet ekkleżjastiċi. Meta l-proċeduri neċessarji, fosthom l-eżaminazzjoni ta' l-istatut ta' din il-kongregazzjoni ġdida mir-rev. Francesco Uzzino, delegat ta' l-isqof, kienu kollha sodisfatti, l-isqof, il-fra Carmelo Giovanni Pellerano, waqqaf il-

fratellanza fid-29 ta' Jannar 1772. Tliet snin wara, fl-1775, il-prokuratur ta' din il-fratellanza, il-w.r. abbati Giovanni Battista Raimondo Marchesi, talab biex din il-fratellanza tiġi aggregata ma' l-arċikonfraternità tal-Kunċizzjoni ta' san Lorenzo in Damaso, f'Ruma. Din it-talba ntlaqgħet fit-28 ta' Lulju 1775 u d-digriet ġie ppubblikat fl-Imqabba, fl-24 ta' Settembru 1775, mill-kappillan Tortella.[19] Bħala tifkira ta' dan l-avveniment speċjali, twaqqfet statwa tal-ġebel ta' l-Immakulata f'tarf ir-raħal, li għadha hemm sal-lum.

Fl-artklu 9 ta' l-istatut insibu li fost l-obbligi li kellha, din il-fratellanza kellha tieħu ħsieb il-purċissjoni tal-Madonna tal-Ġilju li kienet issir fl-Imqabba fit-tielet Ħadd ta' Mejju. Minn dan nafu li fl-1772 din il-purċissjoni kienet diġà ssir.[20] Fost obbligi oħrajn li kellu kull fratell, kien hemm li jsellem lill-Madonna għal tliet darbiet kuljum permezz ta' l-*Ave Maria*, li jkollu l-kunfratija u l-muzzetta kaħla u ċ-ċinglu, li jipparteċipa fil-purċissjonijiet ta' kull raba' Ħadd tax-xahar u f'tal-Kunċizzjoni, li jipprepara ruħu għall-festa tat-8 ta' Diċembru permezz tas-sawm, u li jattendi għall-funeral ta' kull fratell li jmut flimkien mal-quddiesa għall-erwieħ tal-fratelli mejtin f'Novembru. Biex wieħed isir fratell ried ikollu minn ta' l-inqas erbatax-il sena u qabel il-professjoni kellu jagħmel sena novizzjat bħala tħejjija.[21]

Ħafna mix-xogħol li jidher tal-fratellanza sar minn meta nġiebet l-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju fl-Imqabba, għax kien minn dak iż-żmien li l-festa bdiet tieħu x-xejra li nafuha biha llum. Fl-1876, appuntu meta l-istatwa ddaħħlet fil-knisja parrokkjali ta' l-Imqabba, saru ventaltar ta' l-injam indurat, leġiju arġentat u lampier maħdum Ruma. Dawn kienu mogħtija mill-kan. dr Paolo Pullicino. Fl-1896 sar l-istendard tal-fratellanza tal-Kunċizzjoni flimkien ma' l-istendardi tal-fratellanzi l-oħra ta' l-Imqabba, kif ukoll il-bandalora tas-Sagrament. Fl-1922, Andrea Magro, li kien prokuratur bejn l-1922 u l-1923, ħa ħsieb poġġa fundazzjoni ta' £100 biex mill-qligħ jibda jsir tridu solenni bħala tħejjija għall-festa. Din it-talba ġiet awtorizzata fit-12 ta' April 1922. Il-ftehim kien li l-amministrazzjoni tat-tridu għandha tkun f'idejn il-fratellanza.[22]

Ħafna mill-apparat li kellha din il-fratellanza ntilef fil-gwerra fit-tifrik tal-knisja, għalhekk ħafna affarijiet kellhom isiru mill-ġdid, u bla dubju ta' xejn il-partitarji ma qagħdux jixxaħħu fl-ispejjeż għall-affarijiet il-ġodda li saru bejn is-snin ħamsin u sittin tas-seklu għoxrin. Fost il-prokuraturi li l-aktar li ħadmu biex il-fratellanza jkollha l-apparat prezzjuż li għandha llum, insibu lir-rev. Ġużepp Xuereb u, warajh, lil Joseph Farrugia. Fid-9 ta' Diċembru 1949 intlaqa' r-rikors magħmul erbat ijiem qabel mir-rev. Ġużepp Xuereb biex jinħadmu żewġ slaleb wieħed għall-festi prinċipali u l-ieħor għall-festi l-oħrajn peress li s-slaleb l-antiki tal-fratellanza ntilfu fil-gwerra. Fit-3 ta' Diċembru 1952, ir-rev. Ġużepp għamel rikors biex issir bradella ġdida għall-vara biex tieħu post l-antika ta' l-1914 li ntilfet fl-1942. Fir-rikors jispjega li l-vara kienet qed tintrama fuq kaxxa ta' l-injam u li għalhekk kien meħtieġ li ssir bradella ġdida adatta għal xbiha tal-Madonna. It-talba ntlaqgħet fil-15 ta' Diċembru ta' l-istess sena u l-bradella tlestiet fl-1954.

Wara r-rev. Ġużepp, li kien dam prokuratur mill-1939 sa l-1970, laħaq is-sur Joseph Farrugia, li żamm il-prokura għal disa' snin. L-ewwel ħaġa li għamel Farrugia kienet li għamel it-talba biex isir stendard prim ġdid minħabba li l-antik kien tqatta' f'maltempata f'Awwissu ta' l-1968. Ir-rikors sar fit-22 ta' Settembru 1971. Meta dan intlaqa', tqabbad Nicholas Briffa biex jagħmel id-disinn li ngħata lill-prokuratur fl-14 ta' Ottubru 1971 għall-ħlas ta' Lm2. Inxtraw tmintax-il jarda damask tal-ħarir (Lm122) u tnax-il jarda frenża (Lm12.16) mill-Belt, u l-materjal ingħata lill-artiġġjana Mqabbija Emmanuela Mangion (illum Galea) biex tirrakmah. Meta tlesta, din tħallset Lm65, nhar l-1 ta' Ġunju 1973. Fil-festa ta' dik is-sena, li kienet ġimgħatejn qabel twettaq il-ħlas, iżżanżan l-istendard.

Wara dan ir-rikors, kien imiss li jinbidlu s-sitt xemgħat kbar ta' madwar il-vara. Dan sar fit-22 ta' Awwissu 1972 u ntlaqa' mill-kurja fl-1 ta' Settembru ta' dik is-sena. Ix-xemgħat il-ġodda swew Lm42. Ftit tal-ġranet wara (fid-19 ta' Settembru 1972) sar rikors ieħor biex isiru salib u żewġ lanterni tal-fidda ġodda. Intlaqa' fis-6 ta' Ottubru 1972 u x-xogħol sar minn Joseph Cassar, li lestiehom fl-24 ta' Lulju 1976. Swew Lm250. Fl-1972 saru wkoll sitt fjuretti tal-lama għall-altar maġġur, għall-festa tal-Madonna tal-Ġilju. Ħadmithom Emmanuela Sciberras, mill-Qrendi, u swew Lm49. Fl-1975, imbagħad, sar rikors ieħor biex jinbidlu l-fjuretti tal-ganutell ta' madwar il-vara. Intlaqa' fit-12 ta' Settembru 1975 u żżanżnu sena wara, meta l-vara għalqet mitt sena.[23]

Farrugia kellu jkun l-aħħar prokuratur tal-fratellanza. Dan seħħ minħabba li fid-*Documento di base* għar-riforma amministrattiva fil-provinċja

ekkleżjastika Maltija u d-digriet ta' l-ordinarju ta' Malta tas-27 ta' Settembru 1974, dwar iċ-ċentralizzazzjoni tal-prokuri fl-uffiċċju parrokkjali, il-prokura bdiet tiġi amministrata mill-kappillan.[24] Minn dak iż-żmien 'l hawn ma sarux aktar professjonijiet, u l-festa waqgħet taħt l-obbligu tal-kappillan tar-raħal. Madankollu, ta' kull sena l-fratellanza għadha tieħu sehem fil-purċissjonijiet kollha tal-parroċċa u tieħu ħsieb tipprovdi l-fratelli, b'mod speċjali għal dawk tal-Madonna tal-Ġilju u tal-Kunċizzjoni li ssir it-tieni Ħadd ta' Diċembru.

## Il-vara tal-Madonna tal-Ġilju

Sa ftit snin ilu l-uniku ħjiel li kien hemm dwar id-data ta' l-oriġini tal-vara tal-Madonna tal-Ġilju



L-Immakulata Kunċizzjoni - L-Imqabba.



*Il-Madonna tal-Ġilju fl-istat oriġinali tagħha.*



*Il-Madonna tal-Ġilju dieħla fil-knisja wara l-purċissjoni*



kien minn nota li dehret fil-gazzetta *Il corriere mercantile Maltese*, tat-8 ta' Mejju 1876. Fiha l-kontributur iħabbar il-festa tal-Madonna tal-Ġilju li kellha ssir fl-Imqabba fil-21 ta' Mejju. Jgħid ukoll li għal din il-festa se tiġi wżata għall-ewwel darba l-vara, *"bellissimo lavoro del signor G. Darmanin"*. Jgħid ukoll li l-festa kienet f'idejn is-sur Innoċenz Zammit,[25] li kien ukoll ħallas biex saret l-istatwa.

Sal-bidu tas-snin disgħin tas-seklu l-ieħor kien maħsub li l-isem ta' l-istatwarju "G. Darmanin" kien miktub hekk bi żball, għax minflok kellu jkun K(arlu) Darmanin. Filfatt l-istatwa kienet attribwita lil Karlu anki fil-pubblikazzjoni annwali ta' l-istess festa.[26] Bħala stil tixbah ħafna liż-żewġ statwi ta' l-Immakulata li Karlu Darmanin kien għamel għal Ħal Qormi u għar-Rabat, imma wiċċ il-Madonna jidher ferm isbaħ fl-istatwa ta' l-Imqabba milli fl-oħrajn. U aspett ieħor li juri li din l-istatwa ħarġet minn idejn ħaddieħor huwa l-fatt li xagħar il-Madonna m'hux kollu mgħotti bil-velu. Karlu mhux soltu li kien iħalli xagħar l-istatwi tiegħu jidher meta dawn ikollhom xi velu.

Fis-snin disgħin instabet riferenza oħra għal din l-okkażjoni u minnha ħarġu aktar dettalji importanti dwar l-oriġini ta' din l-istatwa artistika. *La rigenerazione* tat-8 ta' Ġunju 1876, titkellem dwar il-festi li saru fl-Imqabba bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-miġja ta' l-istatwa fil-knisja. Din id-darba fuq l-istatwa jingħad hekk: *"In quest'anno fu fatta una nuova statua, mercè del maestro Innocenzo Zammit e le contribuzioni degli abitanti, la quale riuscì bellissima e devotissima, e fa onore al sig. Giovanni Darmanin che l'ha eseguita in cartapesta"*. L-isem ta' l-istatwarju kien miktub sħiħ bħala "Giovanni Darmanin" u minn riċerka li saret irriżulta li dan Giovanni ma kien ħadd għajr ħu Karlu. Kien twieled l-Isla fit-3 ta' April 1817 u miet fl-4 ta' Diċembru 1908, fir-Rabat. M'għamilx statwi daqs ħuh, filfatt aktar kien magħruf bħala marmista milli bħala statwarju. Minn fost l-istatwi li għamel (li wħud minnhom intilfu fil-gwerra), il-Madonna tal-Ġilju ta' l-Imqabba għandha żgur titqies bħala l-kapulavur tiegħu, għaliex fl-ebda statwa oħra ma rnexxielu jpoġġi x-xogħol fin u eleganti li poġġa f'din.

Il-festa ta' l-1876 kienet waħda speċjali għax saret b'novena (li s-soltu ssir f'Diċembru qabel il-festa tal-Kunċizzjoni). Saru żewġ għosrien, wieħed minnhom solenni u bil-mużika, u l-paniġierku tħalla f'idejn ir-rev. Ġwann Tabone. Il-mużika tal-festa ta' dik is-sena kienet immexxija mis-surmast dr Paolo Nani. Saret illuminazzjoni lejlet u nhar il-festa, u kien hemm programmi mużikali minn xi baned. Kien hemm ukoll iċ-ċigċifogu.[27]

Fir-raħal għadhom jeżistu għidut li din l-istatwa la ġiet ikkummissjonata mill-fratellanza u lanqas mill-kleru tal-parroċċa. Innocenzo Zammit jidher li fettillu jordna statwa u għamel ta' rasu bla ma ġab l-approvazzjoni jew il-permessi ta' ħadd. Meta tlestiet, ħadha d-dar u esibiha għall-pubbliku. Dan ġab l-oppożizzjoni tal-kleru, li fl-opinjoni tagħhom din l-istatwa kellha tinġab fil-knisja, titbierek u wara titpoġġa għall-venerazzjoni pubblika.[28]

Sa l-2001 dan kien meqjus biss bħala għidut tal-poplu, sakemm fis-sena li fiha l-istatwa għalqet mija u ħamsa u għoxrin sena mill-miġja tagħha fl-Imqabba, instab dokument prezzjuż li fih Innocenzo Zammit jitlob permess lill-isqof biex l-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju li hu kien ikkummissjona[29] tiddaħħal fil-knisja u "titpoġġa (...) ġo kaxxa tal-ħġieġ fil-kappellun tal-Kunċizzjoni, fejn ma toħloq ebda skomdu".[30] Minn din in-nota hemm diversi punti li jgħinuna nibnu aħjar l-istorja ta' kif din l-istatwa sabet ruħha fil-knisja parrokkjali ta' l-Imqabba.

L-ewwelnett m'hemm l-ebda riferenza għall-fratellanza tal-Kunċizzjoni, anzi jingħad ċar u tond li l-flus għaliha ħariġhom dan Zammit, imlaqqam in-Naxxari, flimkien ma' xi kontribuzzjonijiet oħra mill-poplu. Mela jidher li din l-istatwa xtaquha ħafna nies mir-raħal. Barra minn hekk jidher ċar ukoll li din l-istatwa saret mill-ewwel bħala l-Madonna tal-Ġilju dan għandu jsikket diversi għidut oħra li l-istatwa oriġinarjament saret bħala l-Immakulata u mbagħad żdiedilha l-anġlu bil-ġilju wara. Il-fatt li Zammit jispiċċa l-ittra jgħid li fil-kappellun tal-Kunċizzjoni ma toħloq l-ebda skomdu juri li b'xi mod din l-istatwa kienet qed toħloq xi skomdu għal xi ħadd jew għal xi wħud tant li Zammit ħassu obbligat jagħmel it-talba biex tiddaħħal fil-knisja.

Żgur li meta saret din l-istatwa kien għad m'hemmx il-qasma fir-raħal li nħolqot fl-1911 meta twaqqaf iċ-*Circolo Pio X* (li wara sar *Lily Club* fl-1939). Il-"kontribuzzjoni tal-poplu" biex tinħadem l-istatwa turi li kien għad hemm l-għaqda u li ħadd ma kellu f'moħħu li għad jinħoloq partit ġdid marbut ma' din l-istatwa ġdida. Iżda testimonjanza oħra tgħidilna li meta din l-istatwa kienet qed tiddaħħal għall-ewwel darba fil-knisja, l-Imqabbi r-rev. Salv Schembri nstema' jgħid:

"Daħal ix-xitan taħt forma ta' anġlu".[31] Milli jidher dun Salv kien diġà qed ixomm il-pika li kienet għad trid tinbet ftit tas-snin wara. Dan jista' jfisser ukoll li probabbilment fl-Imqabba diġà kien hemm xi forma ta' rivalità bejn il-fratellanzi u li forsi din l-istatwa setgħet tintuża biex din tikber u tinħoloq firda akbar, kif filfatt ġara.

F'din ix-xbiha sabiħa, lill-Madonna narawha wieqfa fuq is-sħab bid-dinja taħtha. B'ħarsitha 'l isfel u b'idejha fuq sidirha, tidher qed titpaxxa tħares lejn l-ulied mifdijin tagħha. Taħt sieqha l-leminija hemm ras is-serp tad-dnub bi frotta f'ħalqu. Taħthom hemm il-qamar riferenza għall-mara ta' l-Apokalissi "liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha". Maġenb il-Madonna hemm puttin żgħir għarkubbtejh iżomm ġiljuwa f'idu, simbolu tas-safa ta' Marija. Il-pedestall l-oriġinali li kellha l-vara kien sempliċi imma eleganti ħafna. Kien ukoll fi proporzjon perfett ma' l-istatwa.



L-istatwa ma damitx ma ġibdet lejha ċerta devozzjoni, u xhieda ta' dan huma l-għotjiet prezzjużi li bdew jingħatawlha. Meta waslet l-Imqabba diġà kellha stellarju tal-fidda. L-ewwel għotja ta' kalibru wara din ġrat fl-1902, meta Giovanna Manchè (1845-1921) mill-Belt, tatha ġiljuwa tal-fidda bħala ringrazzjament tal-fejqan tan-neputija tagħha, Eleonora, mis-*Sandfly fever*. Din il-ġiljuwa ħadet post oħra naturali f'idejn l-anġlu, u sal-lum għadha tagħni l-vara.

Fl-1914 saret bradella għal din il-vara minn Saverio Olivo mill-Isla.[32] Minn kitba aktar tardiva nafu li din kienet prezzjuża u interzjata. B'xorti ħażina din il-bradella, flimkien mal-pedestall l-antik, intilfet matul l-attakk numru 2042, nhar id-9 ta' April 1942, bejn is-12.45 u s-14.12, meta splużjoni ta' bomba fuq il-bejt tal-knisja ħalliet ħerba sħiħa. Dakinhar l-istatwa wkoll intlaqtet ftit, imma għajr ftit ħsara fuq ras is-serp, ma ġarrbitx ħsarat kbar.

Wara l-gwerra, b'inizjattiva tar-rev. Ġużepp Xuereb, sar rikors biex issir bradella ġdida, dik li għandha llum. Ħafna mill-flus inġabru billi nbiegħu d-dehbijiet li kellha l-vara.[33] Id-disinn u x-xogħol huma ta' Emmanuel Buhagiar, l-istess artist li fl-1928 kien ħadem il-bradella prezzjuża tal-vara titulari. Din il-bradella u l-forċini tagħha żżanżu fl-1954, fl-okkażjoni taċ-ċentinarju mid-definizzjoni tad-domma tat-tnissil bla tebgħa ta' Marija. Għal dik il-festa ċentinarja kienu saru wkoll stellarju ġdid tal-fidda indurat u bid-djamanti, kif ukoll sandli tad-deheb bil-fosos. Il-gastri tal-fidda u l-fjuretti saru dik is-sena wkoll. Ir-rev. Ġużepp Xuereb ħallas għal waħda mill-gastri, instabu żewġ benifatturi oħrajn li ħallsu għal tnejn oħra, u l-aħħar waħda tħallset mill-poplu Mqabbi.[34]

Maż-żmien sar ukoll pedestall ġdid, artistku u indurat bid-deheb, imma li bħala daqs ma qabilx ma' l-istatwa daqs l-ewwel wieħed.

Fi żmien il-kappillan, ir-rev. Karm Bianco, l-anġlu ta' mal-vara nqala' għax l-istatwa ma kinitx tidħol sew fin-niċċa tagħha. L-anġlu jitpoġġa f'postu mal-vara matul il-ġranet tal-festa.

Bħal kull statwa oħra, din l-istatwa sarulha diversi interventi ta' restawr u induratura. B'xorti tajba, minn xi ritratti antiki nafu kif kienet l-istatwa oriġinarjament. Ma kellhiex id-deheb u l-isgraffit li għandha llum, imma xorta waħda fis-sempliċità tagħha kienet tiġbed l-għajn. L-ewwel darba li ġiet indurata kien fl-1925 u x-xogħol sar il-belt Valletta. Inġiebet lura fuq l-ispallejn u ddaħħlet fil-knisja bil-kant tal-partitarji.[35] Wara l-gwerra ttieħdet iż-Żurrieq fejn sar xi xogħol ta' restawr minn Pawlu Xuereb[36] biex tissewwa l-ħsara fuq ras is-serp. Meta ġiet lura ħarġu n-nies jilqgħuha f'tarf triq santa Katarina u ħaduha l-knisja. Aktar restawr u induratura saru fl-1971 minn Pawlu Xuereb tad-ditta *F. Costanzo* tal-belt

Valletta. Imma l-aktar restawr intensiv sar bejn l-1984 u l-1985, meta ġie nnutat li l-parti ta' isfel ta' l-istatwa kienet qed tinqasam. Din il-ħsara kompliet tikber f'qasir żmien minħabba li l-istatwa tinħareġ proċessjonalment darbtejn f'tal-Ġilju u fil-Kunċizzjoni. Sar ir-rikors mill-kappillan, ir-rev. Willie Vella, fl-14 ta' Diċembru 1983, u dan intlaqa' fl-1 ta' Ġunju 1984. Ix-xogħol sar mill-istatwarju u partitarju Mqabbi Ġlormu Dingli, u wara ġiet irtokkjata l-induratura minn Horace Farrugia. Inġiebet lura fl-Imqabba fis-27 ta' Mejju 1985, fost il-briju tal-partitarji. Minn dik is-sena l-festa mxiet għat-tielet Ħadd ta' Ġunju.

**Għeluq**

Illum il-ġurnata l-festa ssir b'ħafna iżjed pompa milli kienet issir fil-bidu tas-seklu. Oriġinarjament kienet issir biss permezz ta' għasar lejlet il-festa u quddiesa solenni, għasar u purċissjoni nhar il-festa. Mat-twaqqif tal-każin *Lily*, inħoloq partit għaliha u naqra naqra kompla dejjem jikber, u miegħu kibret ukoll il-festa. Mill-1922 bdew isiru t-tridijiet, bil-kant tas-*Salve regina*, l-antifona, il-litanija u innijiet ewkaristiċi akkumpanjati mill-orgni wara l-quddiesa. Ma naqsux milli jinġiebu diversi surmastrijiet rinomati biex ikunu *maestri di cappella* għall-mużika ta' nhar il-festa, fosthom Paolo Nani, Salvatore Scicluna, Carlo Diacono, Frankie Diacono, ir-rev. Ġwann Galea, Francis X. Sammut u Lawrence Scicluna.

Għalkemm iċ-ċelebrazzjonijiet fil-knisja huma ristretti għal dik ta' solennità sekondarja, it-tiżjin u l-manifestazzjoni esterna għadhom jixhdu l-popolarità ta' din il-festa. Naturalment il-qofol taċ-ċelebrazzjonijiet jintlaħaq waqt il-purċissjoni, l-aktar meta jindaqq l-*Innu lill-Madonna tal-Ġilju*, kompożizzjoni, ta' l-1949, tas-surmast Joseph Darmanin, fuq lirika tar-rev. Frans Camilleri, u waqt id-dħul fil-knisja meta tindaqq l-antifona ta' l-Immakulata.

---

[1] JOHN BEZZINA, *Id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Ġilju f'Għawdex*, f'*Programm tal-festa tal-Madonna tal-Ġilju*, Mqabba 1989, 39.

[2] Ibid, 41.

[3] *Tagħrif ta' interess li nstab jiġri 'l hawn u 'l hinn*, f'*L-Immakulata Kunċizzjoni. Festa 1995*, Victoria 1995, 11-12.

[4] Din m'għandiex tiġi mħawda mal-festa tal-*Madonna tal-Warda* li wkoll kienet tiġi ċċelebrata f'Mejju fi prattikament il-parroċċi kollha ta' Malta, inkluż fl-Imqabba fejn kienet issir ukoll il-festa tal-Madonna tal-Ġilju.

[5] ALEXANDER BONNICI, *L-Isla*, II, Malta 1986, 179, 269, 296.

[6] ĠWANN AZZOPARDI, *Xiehda tad-devozzjoni antika lill-Madonna tal-Ġilju f'Malta*, f'*Programm tal-festa tal-Madonna tal-Ġilju*, Mqabba 1986, 33.

[7] *Il vessillo cattolico*, 2 ta' Mejju 1894, 3.

[8] CHARLES FARRUGIA RAYMOND SALIBA, *Mill-Immakulata Kunċizzjoni għall-Madonna tal-Ġilju. Żvilupp ta' devozzjoni Marjana li baqa' manifestat biss fl-Imqabba*, f'*Programm tal-festa tal-Madonna tal-Ġilju*, Mqabba 1998, 87.

[9] *Is-Salib*, 20 ta' Ġunju 1902, 4.

[10] CHARLES FARRUGIA, *Il-kult Marjan taħt it-titlu tal-Ġilju (2)*, f'*Programm tal-festa tal-Madonna tal-Ġilju*, Mqabba 1994, 95.

[11] FARRUGIA, *Id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Ġilju f'Malta*, f'*Programm tal-festa tal-Madonna tal-Ġilju*, Mqabba 1989, 17.

[12] ALFIE GULLAUMIER, *Bliet u rħula Maltin Il-Gudja*, Malta 1987, 254.

[13] Dan sar billi nbniet korsija bejn żewġ kappelel (waħda ta' l-Annunzjazzjoni u l-oħra ta' l-Assunzjoni) u b'hekk ingħaqdu fi knisja waħda.

[14] FARRUGIA, *Tal-Ġilju: il-banda u s-soċjetà fl-Imqabba*, Malta 1995, 9.

[15] *50 sena mill-kwadru ta' l-Immakulata Kunċizzjoni u 25 sena mill-ftuħ tal-kappella ġewwa l-każin*, f'*Programm tal-festa tal-Madonna tal-Ġilju*, Mqabba 1999.

[16] TONY TERRIBILE, *Il-parroċċa ta' Marija Assunta l-Imqabba*, manuskritt.

[17] FARRUGIA, *Il-fratellanza tal-Kunċizzjoni fl-Imqabba*, f'*Programm tal-festa tal-Madonna tal-Ġilju*, Mqabba 1990, 17.

[18] Ir-rev. Giacomo Baldassar Michael Tortella twieled Bormla fl-4 ta' Diċembru 1726. Inħatar kappillan ta' l-Imqabba fl-1757 u dam sa l-1787. Fi żmienu kienet ġiet iddedikata l-knisja parrokkjali preżenti, fl-20 ta' Mejju 1774. Miet fl-20 ta' April 1802.

[19] FARRUGIA, *Il-fratellanza tal-Kunċizzjoni fl-Imqabba*, 19.

[20] FARRUGIA, *L-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju fl-Imqabba misjub id-dokument tat-talba ta' Innocenzo Zammit*, f'*Programm tal-festa tal-Madonna tal-Ġilju*, Mqabba 2001, 55.

[21] *Statut tal-fratellanza tal-B.V.M. Konċetta Immakulata 1772*, Arkivju Parrokkjali, Mqabba.

[22] *Irċivuta tar-rikors ta' Andrea Magro*, Arkivju Parrokkjali, Mqabba.

[23] Tagħrif miġbur minn diversi rċivuti miżmuma fl-arkivju parrokkjali ta' l-Imqabba.

[24] FARRUGIA, *Tal-Ġilju: il-banda u s-soċjetà fl-Imqabba*, 214.

[25] *Il corriere mercantile Maltese*, 8 ta' Mejju 1876.

[26] Ara *Programm tal-festa tal-Madonna tal-Ġilju*, Mqabba 1987, 19.

[27] *La rigenerazione*, 8 ta' Ġunju 1876, 2.

[28] FARRUGIA, *L-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju fl-Imqabba misjub id-dokument tat-talba ta' Innocenzo Zammit*, 59.

[29] Hawnhekk Zammit jgħid li qabel ordna l-istatwa kien ġab il-permess mill-kurja u mill-kappillan.

[30] Kurja arċiveskovili ta' Malta, *Supplicationis*, vol. 50, bla data.

[31] ALEXANDER BONNICI, *Santa Marija Assunta u l-Madonna tal-Ġilju: iż-żewġ statwi ewlenin ta' l-Imqabba*, f'CHARLES FARRUGIA (ed.), *L-Imqabba mal-medda taż-żmien*, Malta 1998, 126.

[32] *Malta tagħna*, 23 ta' Mejju 1914.

[33] Tagħrif mgħoddi mis-sur Joe Gauci, rettur preżenti tal-fratellanza tal-Kunċizzjoni, f'Ġunju 2002.

[34] CARMEN LIA, *1954 Għeluq il-mitt sena mid-domma ta' l-Immakulata Kunċizzjoni*, f'*Programm tal-festa tal-Madonna tal-Ġilju*, Mqabba 2004, 104.

[35] MICHAEL DINGLI, *Sittin sena ilu*, f'*Programm tal-festa tal-Madonna tal-Ġilju*, Mqabba 1985, 31.

[36] Tagħrif mgħoddi minn Antonia Zammit (20 ta' Ġunju 2000) u minn Marija Ellul (18 ta' Ottubru 2004).